# Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs

Is-Sena Ewropeja tal-Persuni b'Diżabilità

KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Persuni b'Diżabilità

2002-2003

IT-TIELET SENA

Dan il-ktejjeb jista' jinkiseb
minn fuq il-homepage tal-Kummissjoni
jew fuq audio mill-uffiċċini tal-Kummissjoni.

An English version of this book is available
on the Commission's website
or from the Commission's office.

**Editur:**
Fred Bezzina

**Pubblikazzjoni:**
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità,
Ċentru Ħidma Soċjali,
Santa Venera
Tel: 21 487 789
Fax: 21 484 609
Textelefon: 21 446 536
E-mail: eocu@knpd.org

www.knpd.org



Din is-sena l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (LOI) tagħlaq tliet snin minn mindu ġiet fis-seħħ fil-provedimenti kollha tagħha. Aktar ma qed titħaddem din il-liġi aktar qed nintebħu kemm fil-fatt il-LOI qed isservi ta' aġent ta' bidla soċjali profonda u dejjiema.

# Daħla

Fis-sena ta' ħidma 2000-2001, l-għanijiet ewlenin kienu tnejn: li jinħolqu strutturi u proċeduri biex jiġu investigati lmenti li saru direttament minn individwi b'diżabilità, familijari u għaqdiet tagħhom u li ssir kampanja ta' edukazzjoni pubblika dwar il-liġi u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

Bejn l-2001-2002, il-Kummissjoni bdiet taħdem b'mod rejattiv u b'mod proattiv. L-ewwel livell, dak rejattiv, jitlob li jiġu investigati l-ilmenti ta' diskriminazzjoni li l-Kummissjoni tirċievi minn żmien għal żmien. It-tieni livell, dak proattiv, ra l-Kummissjoni tuża l-LOI bħala xprun ħalli jitħafef il-proċess biex jitnaqqsu, jew jixxejnu, dawk l-ostakli soċjali li ta' kuljum inaqqru mill-kwalità ta' ħajja ta' persuni b'diżabilità. Kien perjodu meta kemm il-Kummissjoni, kif ukoll il-poplu Malti, konnu qegħdin nesploraw il-potenzjal tal-LOI.

Matul l-2002-2003 ħareġ ċar li dan il-potenzjal issa bdejna nifhmuh. Dan joħroġ l-aktar mill-fatt li l-ilmenti li ġew imressqa quddiem it-Taqsima tal-LOI kellhom firxa aktar wiesa'. Rajna, per eżempju, li filwaqt li l-akbar numru ta' lmenti mressqa

baqgħu dawk konnessi mal-qasam ta' l-aċċessibilità fiżika, issa bdew deħlin aktar ilmenti f'oqsma bħal ma huma l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-provediment ta' servizzi u oġġetti. Huwa tassew inkoraġġanti għalina li l-persuni b'diżabilità qed iħarsu lil hinn mill-problemi fiżiċi u bdew jiffukaw ukoll fuq ostakli soċjali oħrajn li xi kultant huma aktar iebsin biex tbiddilhom mill-bini ta' sempliċi rampa.

Nemmnu bis-sħiħ li l-akbar ostaklu li għad irid jintrebaħ huwa dak ta' l-attitudini. Dan għaliex l-attitudini ta' l-individwu jaffettwa b'mod dirett l-imġieba tiegħu lejn bnedmin oħra. Hu hawn fejn tidħol il-LOI: il-bidla tista' tiġi imposta bis-saħħa tal-liġi, jew inkella, il-liġi tista' sservi bħala ispirazzjoni li tħajjar l-individwu biex iwettaq il-bidliet meħtieġa.

Il-Kummissjoni bħala l-entità responsabbli mill-implimentazzjoni tal-liġi taċċetta li xi kultant ikollha tuża l-LOI biex, fejn m'hemmx rieda tajba, timponi bidla. Però aħna nippreferu li l-poplu Malti jara l-benefiċċji għall-pajjiż kollu li tista' tħalli l-istess LOI meta l-provedimenti tagħha jkunu mwettqa. B'dan il-mod il-Kummissjoni qed tistieden lis-soċjetà Maltija biex tinforma ruħha sewwa dwar l-LOI u biex minn naħa tagħha tkun proattiva u biex, b'mod raġonevoli u b'pass meqjus, kull organizazzjoni tibda tieħu l-passi meħtieġa biex tkun konformi mal-LOI.

Nispiċċaw billi nfakkru li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs hi bbażata fuq viżjoni li qablu magħha unanimament ir-rappreżentanti politiċi tagħna lkoll: viżjoni ta' soċjetà inklussiva - soċjetà li ma twarrab lil ħadd. Għalhekk, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs m'hiex biss maħsuba biex ittejjeb il-ħajja tal-persuni b'diżabilità, iżda liġi maħsuba biex ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin kollha, għandhom jew m'għandhomx diżabilità. Jekk irridu li titwettaq il-viżjoni ta' soċjetà inklussiva jeħtieġ li kulħadd jagħti sehmu. Din is-sena hi s-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità u kif jgħid s-slogan ta' din is-sena: FLIMIENASLU!

**Joseph M. Camilleri**
Chairperson,
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

**Marianne Debono**
Manager, Taqsima Liġi
Opportunitajiet Indaqs





Is-soċjetà Maltija issa ilha tħaddem il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) għal dawn l-aħħar tliet snin. Il-Kummissjoni permezz tat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) kull sena tippreżenta lill-pubbliku Malti rapport tal-ħidma tagħha permezz ta' ktejjeb maħruġ għal dan il-għan. Aħna konna wegħedna li nżommu dan l-appuntament mal-pubbliku kull sena.

# Ħarsa Ġenerali

Din it-Taqsima qed terġa' tagħti rendikont tat-tielet sena tal-ħidma tagħha permezz ta' din il-pubblikazzjoni.

Din it-Taqsima fi ħdan il-Kummissjoni tirċievi lmenti ta' diskriminazzjoni skond sitt oqsma ġenerali li huma:

- Ix-Xogħol (Xgħl)
- L-Edukazzjoni (Eduk)
- L-Aċċess (Aċċ)
- L-Għoti ta' Oġġetti u Servizzi (Serv)
- Id-Djar (Djar)
- L-Assigurazzjoni (Ass).

Dan il-ktejjeb se jiddiskuti l-ħidma li saret minn Novembru 2002 sa Ottubru 2003.

## ILMENTI

Matul din it-tielet sena, il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq 62 każ li kienu għadhom pendenti minn l-ewwel sentejn u bdiet tinvestiga 64 każ ġdid. Barra minn hekk il-Kummissjoni ħadmet fuq diversi każijiet ta' konsultazzjoni li 7 minnhom kienu jirrikjedu xogħol sostanzjali.

Dawn il-133 każ kienu mqassma hekk:

**ILMENTI LI SAR XOGĦOL FUQHOM FL-2002-2003**

| | Xgħl | Eduk | Aċċ | Serv | Ass | Djar | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mis-snin ta' qabel | 1 | 5 | 50 | 5 | - | 1 | 62 |
| Ġodda | 11 | 21 | 16 | 10 | 4 | 2 | 64 |
| Konsultazzjoni | 1 | - | 5 | 1 | - | - | 7 |
| **Total** | **13** | **26** | **71** | **16** | **4** | **3** | **133** |

Meta wieħed iqabbel l-ilmenti ma' kif kienu s-sentejn ta' qabel isib hekk:

**ILMENTI**

| Tip | 00/01 | | 01/02 | | 02/03 | | 00/03 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru | % | Nru | % | Nru | % | Nru | % |
| Xgħl | 13 | 14 | 9 | 14 | 11 | 17 | 33 | 15 |
| Eduk | 10 | 11 | 5 | 8 | 21 | 33 | 36 | 16 |
| Aċċ | 48 | 53 | 38 | 60 | 16 | 25 | 102 | 47 |
| Serv | 18 | 20 | 10 | 16 | 10 | 16 | 38 | 17 |
| Ass | 2 | 2 | 0 | 0 | 4 | 6 | 6 | 3 |
| Djar | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 3 | 4 | 2 |
| **Total** | **92** | **100** | **63** | **100%** | **64** | **100** | **219** | **100** |

In-numru totali ta' lmenti baqa' kważi l-istess bħal dak tas-sena l-oħra. Nirrimarkaw li fl-ewwel sena, il-Kummissjoni bdiet tirċievi l-ilmenti minn qabel il-Liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000 u għalhekk iċ-ċifri li jidhru għall-ewwel sena jkopru effettivament perjodu itwal.

Matul din is-sena, l-akbar ammont ta' lmenti ma baqgħux dwar l-aċċessibilità imma saru fuq l-edukazzjoni. In-numru ta' lmenti dwar l-edukazzjoni naqas fl-ewwel sentejn minn 10 għal 5 ilmenti imma mbagħad żdied b'mod qawwi fit-tielet sena biex tela' għal 21 ilment. Fil-waqt li wieħed jista' juri pre-okkupazzjoni għal din iż-żieda, analiżi aktar profonda turi li

a) il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom qed jagħrfu li din il-liġi hi għodda importanti fuq aspetti diversi ta' ħajjithom, l-aktar l-edukazzjoni;

b) ħafna minn dawn l-ilmenti ġew solvuti fi żmien relativament qasir bil-kollaborazzjoni tal-entitajiet edukattivi, l-aktar dawk governativi.

Każijiet oħrajn huma komplessi ħafna u sfortunatament jirrikjiedu diskussjoni u soluzzjonijiet fit-tul. Il-Kummissjoni tifhem li din hi problema kbira għax min qed ibati ma jistax u ma għandux jistenna. Il-Kummissjoni tagħmel dak kollu possibbli biex dan iż-żmien ikun l-iqsar possibli

Differenza sinifikattiva oħra hi dik dwar l-assigurazzjoni fejn il-Kummissjoni rċeviet 4 ilmenti. Għalkemm in-numru għadu żgħir ħafna, xorta hu indikazzjoni li din il-Liġi se jkollha effett fuq diversi oqsma tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.

Ix-xogħol li l-Kummissjoni għamlet fuq dawn il-133 ilment li ħadmet fuqhom matul din is-sena jista' jiġi spjegat hekk:

**IL-ĦIDMA LI SARET FUQ DAWN L-ILMENTI**

| | Total | % |
|---|---|---|
| Ingħalqu (Magħluq) | 72 | 54 |
| Ftehim temporanju (FT) | 10 | 8 |
| Għadhom qed Jiġu Diskussi (Diskuss) | 38 | 29 |
| Qorti, Arbitraġġ jew Tribunal (Qorti) | 6 | 5 |
| Konsultazzjoni (Kons) | 7 | 5 |
| **Total** | **133** | **100** |

Dan ifisser li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi kważi tliet kwarti tal-ilmenti li waslulha fil-waqt li f'5 fil-mija biss ta' dawn l-ilmenti kellna mmorru l-Qorti, Arbitraġġ jew it-Tribunal Industrijali.

Barra minn hekk in-numru ta' każijiet pendenti issa niżel minn 62 għal 38, tnaqqis ta' kważi 60 fil-mija.

Analiżi ta' din il-ħidma skond it-tip ta' lment tagħtina dawn iċ-ċifri:

**X'SAR MILL-ILMENTI 2002-2003**

| | Xgħl | Eduk | Aċċ | Serv | Ass | Djar | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għlq | 7 | 19 | 28 | 13 | 1 | 3 | 71 |
| F T | - | 1 | 10 | - | - | - | 11 |
| Diskuss | 3 | 6 | 25 | 1 | 3 | - | 38 |
| Qorti | 2 | - | 3 | 1 | - | - | 6 |
| Kons | 1 | - | 5 | 1 | - | - | 7 |
| **Total** | **13** | **26** | **71** | **16** | **4** | **3** | **133** |

Il-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq il-maġġoranza tal-każijiet relatati ma' l-Edukazzjoni. Għalqet ukoll numru sostanzjali ta' każijiet relatati ma' l-aċċessibilità, għalkemm dan il-qasam jibqa' bl-akbar numru ta' każijiet li l-Kummissjoni għadha taħdem fuqhom. Jidher ukoll li n-numru ta' lmenti (10) relatati ma' l-aċċessibilità ngħalqu temporanjament u għalhekk dawn il-każijiet jistgħu jerġgħu jiġu riattivati jekk tinħass il-ħtieġa.

## KONTRA MIN SARU L-ILMENTI

Il-Kummissjoni tinvestiga lmenti li jsiru kontra diversi entitajiet f'pajjiżna. Għall-fini ta' din il-pubblikazzjoni, il-Kummissjoni qasmet dawn l-entitajiet hekk:

- Il-Gvern (Gvn)
- Entitajiet Parastatali (Para)
- Kunsilli Lokali (KL)
- Knisja (Kns)
- Entitajiet Privati (Priv)
- Oħrajn (Oħr).





L-ilmenti li l-Kummissjoni rċeviet f'dawn it-tliet snin jinqasmu hekk, skond l-entitajiet differenti li kontriehom sar l-ilment:

**KONTRA MIN SARU L-ILMENTI**

| Ent | 00/01 | | 01/02 | | 02/03 | | 00/03 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru | % | Nru | % | Nru | % | Nru | % |
| Gvern | 37 | 40 | 19 | 30 | 31 | 48 | 87 | 40 |
| Para | 21 | 23 | 10 | 16 | 8 | 12 | 39 | 18 |
| KL | 6 | 7 | 13 | 21 | 7 | 11 | 26 | 12 |
| Kns | 9 | 10 | 12 | 19 | 1 | 2 | 22 | 10 |
| Priv | 17 | 18 | 9 | 14 | 16 | 25 | 42 | 19 |
| Oħra | 2 | 2 | 0 | 0 | 1 | 2 | 3 | 1 |
| **Total** | **92** | **100** | **63** | **100** | **64** | **100** | **219** | **100** |

F'dawn it-tliet snin, il-Gvern u l-entitajiet konnessi miegħu (entitajiet parastatali u Kunsilli Lokali) jibqa' l-akbar entità li kontrieh saru l-akbar numru ta' lmenti. Din iċ-ċifra tammonta għal 70% ta' l-ilmenti kollha. Wieħed jifhem li numru sostanzjali minn dawn l-ilmenti ġew solvuti fi żmien relattivament qasir. Ilmenti kontra entitajiet tal-Knisja jidhru li naqsu sostanzjalment matul din is-sena.

Jekk nidħlu aktar fil-fond u naraw il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, fil-każijiet kollha li ħadmet f'din is-sena, skond l-entitajiet differenti, insibu din is-sitwazzjoni:

**X'SAR MILL-ILMENTI SKOND L-ENTITAJIET**

| | Mgħl | Disk | Qorti | FT | Kons | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gvern | 36 | 12 | 1 | 3 | - | 52 |
| Para | 10 | 4 | - | - | 2 | 16 |
| K L | 10 | 8 | - | - | - | 18 |
| Kns | 8 | 6 | - | 4 | 2 | 20 |
| Priv | 7 | 8 | 5 | 3 | 2 | 25 |
| Oħra | 1 | - | - | - | 1 | 2 |
| **Total** | **72** | **38** | **6** | **10** | **7** | **133** |

Minn din it-tabella jidher li nofs il-każijiet magħluqa kienu kontra l-Gvern u kwart ieħor tal-każijiet magħluqa jikkonċernaw entitajiet relatati mal-Gvern (Kunsilli Lokali u Parastatali)

## ILMENTI MAGĦLUQA

Matul din is-sena l-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq 82 ilment, 11 minnhom permezz ta' ftehim temporanju.

**ILMENTI MAGĦLUQA FL-2002-2003**

| | Xgħl | Eduk | Aċċ | Serv | Ass | Djar | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Solvuti | 4 | 14 | 25 | 12 | - | 1 | 56 |
| Ftehim temporanju | - | 1 | 10 | - | - | - | 11 |
| Mhemmx Diskriminazzjoni | 3 | 5 | 3 | 1 | 1 | 2 | 15 |
| **Total** | **7** | **20** | **38** | **13** | **1** | **3** | **82** |

Il-Kummissjoni spiss qed ikollha tirrikorri għal ftehim temporanju f'ilmenti relatati ma' aċċessibilità minħabba li t-tibdil meħtieġ jieħu fit-tul u anke xi kultant jirrikjedi spiża kapitali qawwija. Minkejja dan, il-Kummissjoni xorta rnexxielha tagħlaq numru sostanzjali, 28 ilment, relatat ma' dan il-qasam. In-numru ta' lmenti magħluqa relatati mal-qasam edukattiv ukoll hu wieħed inkoraġġanti.

In-numru ta' lmenti fejn il-Kummissjoni sabet li ma hemmx każ ta' diskriminazzjoni hu wieħed relattivament baxx, 15 minn 82 jew 18 fil-mija tal-każijiet magħluqa. Jekk tqabbel din iċ-ċifra mal-każijiet kollha investigati matul din is-sena (133) il-perċentwali jinżel għal 14%. Dan ifisser li l-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom qed jifhmu dejjem aktar kif din il-liġi tista' tgħinhom biex ikollhom opportunitajiet indaqs.

## QORTI, ARBITRAĠĠ JEW TRIBUNAL INDUSTRIJALI

F'Ottubru 2002, il-Kummissjoni kellha każ pendenti quddiem l-Arbitraġġ u żewġ każijiet il-Qorti. Ta' l-ewwel kien kontra l-Ministeru ta' l-Intern waqt li t-tnejn l-oħra kienu kontra Michele Peresso u l-Invicta. It-tliet każijiet huma relatati ma' aċċessibilità. Dawn it-tliet każijiet għadhom pendenti.

F'dan il-perjodu wkoll, każ li kien deher quddiem l-Arbitraġġ u nqata' favur il-Kummissjoni ngħalaq. Dan il-każ kien mal-Kavalier ta' San Ġakbu u ngħalaq għax il-management ta' dan it-teatru għamel dak li kellu jagħmel skond l-award, jiġifieri r-rampa għat-teatru tond.

Matul din is-sena, il-Kummissjoni fetħet kawża l-Qorti kontra l-SBT u kienet relatata ma' l-għoti ta' servizzi. Żewġ każijiet relatati max-xogħol qegħdin quddiem it-Tribunal Industrijali fuq għażla tal-persuna b'diżabilità nnifisha. Dawn iż-żewġ każijiet jikkonċernaw id-Ditti Dowty u Steel and Fence.

Dettalji partikolari dwar dawn il-każijiet jingħataw fit-taqsima li jmiss.

## KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni, permezz tat-Taqsima Opportunitajiet Indaqs, wettqet din il-ħidma skond kif titlob l-istess liġi. Din it-Taqsima hi waħda żgħira ħafna u barra mill-maniġer, jaħdmu fiha wkoll fuq bażi part-time Dr. Doreen Clarke LL.D u s-sinj. Daniela Debono M.A.

**Fred Bezzina,**
Direttur Eżekuttiv (KNPD)

**Marianne Debono,**
Manager, Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs


KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

F'din it-Taqsima, se nagħtu rendikonti fil-qosor tal-każijiet prinċipali li fuqhom ħadmet il-Kummissjoni.

# Każijiet Prinċipali

Dawn se jinqasmu f'erba' partijiet:

a) Każijiet magħluqa; ħafna minnhom minħabba li nstabet soluzzjoni finali u għalhekk il-każ issa hu magħluq;

b) Każijiet fejn intlaħaq ftehim temporanju; meta tkun instabet soluzzjoni li trid tiġi implimentata fuq medda ta' żmien u għalhekk il-każ jibqa' miftuħ;

c) Każijiet fejn għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet;

d) Każijiet li qegħdin il-Qorti, Arbitraġġ jew quddiem it-Tribunal Industrijali.

L-ordni kif inhuma mniżżla l-każijiet hu mqassam b'tali mod li l-ewwel jidhru l-każijiet relatati fuq ix-xogħol, l-edukazzjoni, l-aċċessibilità, l-għoti ta' servizzi u affarijiet, djar u assigurazzjoni. F'kull qasam imbagħad, l-ordni hu mogħti skond d-data ta' meta l-każ ikun daħal għand il-Kummissjoni.



KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

## KAŻIJIET MAGĦLUQA

### 1. Aċċess għall-Kors ta' l-ETC

Persuna b'diżabilità lmentat li kienet ġiet irrifjutata milli tattendi kors tal-kompjuter li kellha bżonn biex tkun tista' tapplika għal xogħol mal-Gvern. Dan kien minħabba problemi ta' aċċess. Wara intervent tal-Kummissjoni din il-problema ġiet riżolta.

### 2. Akkomodazzjoni fl-Impjieg għal Impjegat tal-McDonalds

Persuna b'diżabilità lmentat li l-kumpanija tagħha, McDonalds, ma kinetx qed tieħu konsiderazzjoni tad-diżabilità tagħha u tagħmel l-akkomodazzjoni neċessarja. Wara diskussjoni bejn il-Kummissjoni, il-kumpanija u l-individwu konċernat, instabet soluzzjoni aċċettabbli u l-persuna b'diżabilità baqgħet fl-impjieg tagħha.

### 3. Nuqqas ta' Facilitator

Il-Kummissjoni rċeviet numru ta' lmenti li studenti b'diżabilità għal xi raġuni jew oħra ma kinux qed jingħataw facilitator. Wara diskussjoni ma' l-awtoritajiet tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, dawn il-każijiet kollha ġew riżolti. Fortunament, matul dan il-perjodu, ġiet introdotta sistema aktar ċara ta' kif jingħata dan is-servizz permezz ta' l-iStatementing Panel u l-Appeals' Board. Għalhekk dawn l-ilmenti naqsu.

### 4. Nuqqas ta' Facilitator minħabba Mard jew Leave

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti li studenti b'diżabilità kien qed ikollhom jibqgħu d-dar meta l-facilitator tagħhom ma tmurx skola minħabba mard jew leave. Wara diskussjoni mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, dan introduċa sistema fejn għandu numru ta' facilitators li jissostitwixxu dawk il-facilitators li jkunu assenti.

### 5. Arranġamenti Speċjali waqt l-Eżamijiet

Il-Kummissjoni rċeviet lmenti fejn studenti jitolbu arranġamenti differenti waqt eżamijiet minħabba d-diżabilità tagħhom. F'każ minnhom ma kienx hemm diskriminazzjoni minħabba li t-talba li kien qed jagħmel l-istudent kienet tmur kontra l-kontenut intrinsiku li kien qed jiġi eżaminat fih waqt li fit-tnejn l-oħra l-każ ġie riżolt. Il-Kummissjoni tinnota li matul dan il-perjodu, id-Diviżjoni ta' l-

Edukazzjoni ħarġet linji gwida dwar dawn it-talbiet li tagħmilha aktar faċli li l-istudent ikun jaf x'inhuma d-drittijiet tiegħu.

### 6. Fondi għal Servizzi Edukattivi għall-Studenti b'Diżabilità

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni kienet qed tgħin finanzjarjament għaqdiet mhux governattivi biex jipprovdu sapport edukattiv waqt li huma jitolbu ħlas għal dan is-servizz. B'hekk minn ma jistax iħallas ma kienx qed jirċievi dan is-servizz. Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx hemm diskriminazzjoni minħabba diżabilità iżda xorta rrakkomandat lill-Gvern li tinħoloq skema, biex parti mill-għajnuna li tingħata mill-Gvern tmur biex min ma jistax iħallas dawn il-miżati, jiġi eżentat. Sfortunatament, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ma tax risposta għal din il-proposta. Minħabba li dan il-każ ma jaqax taħt il-Liġi, il-Kummissjoni legalment ma tista' tagħmel xejn aktar. Min għamel l-ilment ħa l-każ quddiem l-Ombudsman.

### 7. Aċċessibilità għall-Entratura ta' Knejjes Parrokkjali

Il-Kummissjoni bdiet tinvestiga l-entraturi ta' knejjes parrokkjali. F'dan il-perjodu dawn il-knejjes parrokkjali (li ġew investigati) issa għandhom entratura aċċessibbli:

- Santa Elena Birkirkara
- Għajnsielem
- Fontana
- Ħal Kirkop
- Birżebbuġa
- Kalkara

### 8. Aċċessibilità għall-Entratura tat-Tribunal Reġjonali

Il-Kummissjoni bdiet tinvestiga l-entraturi tal-bini fejn jiltaqa' t-Tribunal Reġjonali. F'dan il-perjodu dawn it-Tribunali issa għandhom entratura aċċessibbli:

- Il-Belt, Valletta
- Tas-Sliema
- Iż-Żurrieq
- Il-Mosta

### 9. Aċċessibilità għall-Entratura tal-Qorti

Il-Kummissjoni laħqet ftehim mal-Ministeru tal-Ġustizzja biex ir-rampi meħtieġa biex dan il-bini jsir





aċċessibbli jsiru mill-Kummissjoni bi spejjeż għall-Ministeru. Il-Kummissjoni ħadet dan l-inkarigu u issa dan il-bini għandu entratura aċċessibbli għal kulħadd u skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni.

### 10. Aċċessibilità għat-Teatru tal-Kavalier ta' San Ġakbu

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-palk ta' dan it-teatru ma kienx aċċessibbli. Wara diversi diskussjonijiet, il-każ ġie riferut għall-Arbitraġġ. Dan ta s-sentenza u ordna li ssir rampa fi żmien sitt xhur. Din ir-rampa saret skond kif ordnat mill-Arbitraġġ u għalhekk il-każ hu magħluq.

### 11. Ftehim Ġenerali mal-Bank of Valletta

Wara diskussjonijiet fit-tul, il-Kummissjoni laħqet ftehim ġenerali mal-Bank of Valletta biex jassigura

i. li fi żmien raġonevoli, il-premises ta' din il-kumpanijia jsiru aċċessibbli bl-aħjar mod possibbli, sew għall-klijenti kif ukoll għall-istaff;
ii. l-ATMs il-ġodda jkunu aċċessibbli għal kulħadd;
iii. l-istaff tal-Customer Care u staff ieħor ta' din il-Kumpanija jkollhom taħriġ dwar dan il-qasam;
iv. il-Kumpanija tadotta politika ta' impjieg li tassigura opportunitajiet indaqs lill-persuni b'diżabilità.

Dan hu t-tieni ftehim ġenerali simili u l-Kummissjoni qed taħdem biex ikun hemm aktar kumpaniji li jagħmlu ftehim simili mal-Kummissjoni, biex tiġi assigurata mhux biss l-osservanza għal din il-Liġi imma wkoll li l-persuni b'diżabilita tassew ikollhom opportunitajiet indaqs.

### 12. Parkeġġ Riservat fil-Pjazza tal-Palazz, il-Belt

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li hemm fil-Pjazza tal-Palazz, il-Belt Valletta kien tneħħa. Wara diskussjoni mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta dan reġa' sar.

### 13. Bandli għall-Persuni b'Diżabilità Msakkra.

Il-Kummissjoni ferħet lill-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema li għamel bandla għall-persuni li jużaw siġġu tar-roti fil-Margareth Mortimer Playing Field. Però din il-bandla

kienet qed tinżamm imsakra u biex wieħed jużaha kien irid iġib iċ-ċavetta mill-caretaker tat-toilets li hemm viċin. Il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar dan. Wara diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali, din il-problema ġiet riżolta.

### 14. Toilets tal-Persuni b'Diżabilità Msakkrin

Il-Kummissjoni kellha lmenti li t-toilets għall-persuni b'diżabilità fil-Wied ta' B'kara u ħdejn il-playing field Margaret Mortimer, Tas-Sliema kienu qed jinżammu magħluqin u l-persuni b'diżabilità biex jinqdew kien qed ikollhom jitolbu biex dawn jinfetħu. Il-Kummissjoni ddiskutiet din il-problema mal-Kunsilli Lokali kkonċernati u din il-problema ġiet solvuta.

### 15. L-Użu tal-Karta ta' l-Identità Speċjali

Il-Kummissjoni kellha lmenti li l-ETC u d-Diviżjoni tas-Saħħa ma kinux qed joffru l-opportunità li min għandu l-Karta ta' l-Identità Speċjali maħruġa mill-Kummissjoni jingħata prijorità fis-servizz. Wara diskussjoni bejn il-Kummissjoni u dawn iż-żewġ entitajiet, din il-problema ġiet solvuta.

### 16. L-Użu tal-Blue Sticker

Il-Kummissjoni kellha diversi ilmenti dwar il-Blue Sticker. Il-persuni li ma għandhomx diżabilità qed jipparkjaw fil-parkeġġi riservati għal min għandu l-Blue Sticker u li l-pulizija/wardens ma kinux qed jirrikonoxxu l-Blue Sticker ta' pajjiżi barranin. Wara diskussjoni mal-Pulizija u l-Awtoritajiet responsabbli mill-wardens, din il-problema naqset.

### 17. Liċenzja biex Jinfetħu Djar fil-Komunità għall-Persuni b'Diżabilità

Il-Kummissjoni kellha lment li l-MEPA kienet qed titlob ħlas kummerċjali biex jinfetħu djar fil-komunità għall-persuni b'diżabilità. Wara diskussjoni bejn il-Kummissjoni u l-MEPA, ġie deċiż li dawk il-kumpaniji li huma mniżżla fil-Gazzetta tal-Gvern bħala entitajiet li jaħdmu mhux għall-profit, iħallsu l-permess daqs li kieku l-bini se jkun wieħed residenzjali u mhux kummerċjali.





## FTEHIM TEMPORANJU

### 1. Aċċessibilità fl-Iskejjel

Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti minħabba n-nuqqas ta' aċċessiblità fl-iskejjel. Il-Kummissjoni fetħet diskussjonijiet mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada u ppruvat tilħaq ftehim globali. Sfortunatament dan ma seħħx u minflok ilħaqna ftehim temporanju fuq skejjel speċifiċi fejn kellna lmenti. Dawn huma:

- l-iskola primarja ta' B'kara
- l-iskola sekondarja ta' Pembroke
- l-iskola sekonarja tar-Rabat Għawdex.

### 2. Xogħol ta' Facilitator

Il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li studenti b'diżabilità kemm fi skejjel regolari kif ukoll f'dawk speċjali, ma kienx qed jingħata ċertu sapport minħabba li mhux inkluż fix-xogħol tal-facilitators. Wara diskussjoni mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, anke permezz tal-Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inklussiva, instabu żewġ soluzzjonijiet:

- fl-Iskola Speċjali San Miguel ġew impjegati ħaddiema li jgħinu fl-irfigħ ta' studenti b'diżabilità
- saret job description ġdida għall-facilitators.

Fil-preżent għaddejjin diskussjonijiet bejn id-Diviżjoni u l-Unions biex din il-job description tiġi implimentata.

### 3. Aċċessibilità għall-Entratura ta' Knejjes Parrokkjali

Il-Kummissjoni bdiet tinvestiga l-entraturi ta' knejjes parokkjali. F'dan il-perjodu ntlaħaq ftehim temporanju ma' dawn il-parroċċi:

- Il-Kattidral ta' l-Imdina
- L-Għarb
- L-Għasri
- Il-Mosta.

### 4. Aċċessibilità għas-Sular ta' Fuq tal-Palazz Presidenzjali

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li minkejja li l-Palazz Presidenzjali issa kellu lift aċċessibbli għal kulħadd, kien għad hemm tarġa bejn il-lift u s-sular ta' fuq ta' dan il-Palazz. Ir-rampa li hemm hi waħda temporanja, titpoġġa meta jkun hemm talba u mhix tajba skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni laħqet ftehim temporanju biex issir rampa skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni li

tkun fissa imma li tkun ukoll b'mod li l-art u l-madwar jibqa' jidher.

**5. Aċċessibilità għal-Lukanda Phoenicia**

Il-Kummissjoni kellha lment fuq il-Lukanda Phoenicia. Wara diskussjonijiet intlaħaq ftehim temporanju biex il-Lukanda tagħmel x-xogħol li kien hemm qbil dwaru sa ċertu data li issa għaddiet. Mill-ewwel indikazzjonijiet jidher li dan il-ftehim ma ġiex onorat. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq dan il-każ.

**6. Aċċess għall-Għases tal-Pulizija**

Il-Kummissjoni rċeviet diversi ilmenti dwar l-aċċessibilità għall-għases tal-Pulizija. Wara diskussjonijiet, il-Pulizija qablu li fi żmien raġonevoli, sitt għases tal-pulizija li qed isir xogħol strutturali fuqhom, isiru aċċessibbli għal kulħadd.

## KAZIJIET LI GĦADHOM QED JIĠU DISKUSSI

**1. Impjieg ta' Spettur mal-Korp tal-Pulizija**

Persuna applikat għall-impjieg ta' spettur mal-Korp tal-Pulizija u wara li ġie aċċettat, weħel mill-eżami mediku minħabba d-diżabilità tiegħu. Il-Kummissjoni bdiet diskussjoni dwar dan mal-Kummissjarju tal-Pulizija u r-rappreżentanti tiegħu biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema. Il-Kummissjoni hi pre-okkupata li d-diskussjoni qed tieħu ħafna żmien.

**2. Impjieg ta' Suldat mal-Forzi Armati**

Suldat mal-Forzi Armati Maltin ilmenta li hu kien tkeċċa mill-impjieg tiegħu minħabba d-diżabilità tiegħu. Il-Kummissjoni talbet l-ewwel reazzjoni tal-Forzi Armati li sfortunatament għada ma waslitx. Fil-frattemp, l-individwu għamel żewġ protesti ġudizzjarji; wieħed kontra l-Forzi Armati u l-ieħor kontra l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni wieġbet permezz ta' protest ġudizzjarju ieħor. Il-Kummissjoni talbet lill-individwu jiddeċiedi jekk hu riedx li jipproċedi personalment u l-Kummissjoni





tgħinu jew jekk riedx li l-Kummissjoni tkompli l-każ tiegħu hi. Hu għażel li tkompli l-każ il-Kummissjoni.

**3. Rebate fuq Taxxa għal Studenti b'Diżabilità fl-Iskejjel Indipendenti**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li studenti b'diżabilità fi skejjel indipendenti qed ikollhom iħallsu huma għas-servizz ta' facilitator li għandhom bżonn minħabba d-diżabilità tagħhom. Huma talbu li ta' l-anqas ikollhom tax rebate ogħla minn dik li l-Gvern jagħti lil dawn l-istudenti. Il-Kummissjoni qablet ma' dan l-ilment u bdiet diskussjonijiet mal-Minsiteru ta' l-Edukazzjoni. Dan irrefera l-każ lill-Ministeru tal-Finanzi u fil-preżent għaddejjin diskussjonijiet dwar dan ma' dan il-Ministru.

**4. Għoti ta' Mediċina fl-Iskejjel Regolari**

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti li studenti b'diżabilità mhumiex jingħataw il-mediċina li għandhom bżonn minħabba li ma hemmx infermiera u l-facilitators mhumiex imħarrġa u/jew koperti biex jagħmlu dan. Din il-problema ġiet diskussa fit-tul fil-Kumitat Ministerjali dwar l-Edukazzjoni Inklussiva u s'issa għadha ma nstabitx soluzzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem u tinsisti li tinstab soluzzjoni minħabba li hemm ġenituri li qed ikollhom imorru kuljum l-iskola sabiex jagħtu huma l-mediċina lit-tfal tagħhom. Din hi diskriminazzjoni u l-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tispiċċa.

**5. Aċċessibilità għall-Entratura ta' Knejjes Parrokkjali**

Il-Kummissjoni bdiet tinvestiga l-entraturi ta' knejjes parrokkjali. F'dan il-perjodu għadhom għaddejjin diskussjonijiet ma' dawn il-knejjes parrokkjali (li ġew investigati):

- Bormla
- Il-Gudja
- Il-Kunċizzjoni, il-Ħamrun

**6. Aċċessibilità għall-Entratura tat-Tribunali Reġjonali**

Il-Kummissjoni bdiet tinvestiga l-entraturi tal-bini fejn jiltaqa' it-Tribunal Reġjonali. F'dan il-perjodu, għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar dawn it-Tribunali ta':

- Iż-Żejtun
- Ħal Qormi
- Il-Fgura.

**7. Aċċessibilità għal Servizzi Sanitarji fl-Isptar San Luqa**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li ma kienx hemm servizzi sanitarji aċċessibbli għal kulħadd fid-Dipartimenti ta' l-Outpatients u ta' l-Emerġenza ta' l-Isptar San Luqa. Il-Kummissjoni għadha għaddejja b'diskussjonijiet mad-Diviżjoni tas-Saħħa biex din il-problema tiġi riżolta. Il-Kummissjoni hi pre-okkupata li dan l-ilment qed jieħu bit-tul wisq.

**8. Aċċessibilità f'Dar l-Istudent, l- Università ta' Malta**

Il-Kummissjoni ilha s-snin tipprova biex Dar l-Istudent, fl-Università ta' Malta, tkun fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. Minkejja diversi tentattivi dan għadu ma sarx u l-Università lanqas trid tagħti data meta dan ser isir. Il-Kummissjoni diġà ħadet deċiżjoni li jekk ma jkunx hemm żviluppi pożittivi fi żmien qasir, il-Kummissjoni tieħu dan il-każ il-qorti.

**9. Aċċess għal-Lukanda Les Lapins**

Il-Kummissjoni kellha lment li l-aċċess għal din il-lukanda mhux skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Wara taħditiet twal, il-Lukanda qablet li kien hemm bżonn isir tibdil u minkejja diversi wegħdi dan it-tibdil ma sarx. Il-Kummissjoni se tieħu l-passi kollha neċessarji inklużi dawk legali biex l-entratura ta' din il-Lukanda ssir aċċessibbli għal kulħadd.

**10. Aċċess għaċ-Centru tas-Saħħa tal-Gzira**

Il-Kummissjoni rċeviet diversi ilmenti li ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira mhuwiex aċċessibbli għal kulħadd. Minkejja li għadda ħafna żmien minn meta nfetaħ dan il-każ, ma kien hemm l-ebda żvilupp konkret.  Il-Kummissjoni se tieħu l-passi kollha neċessarji inklużi dawk legali, biex tara li dan il-post importanti jkun aċċessibbli għal kulħadd kif inhuma ċ-Ċentri tas-Saħħa l-oħra kollha.

**11. Aċċessibilità fil-bini tal-Public Broadcasting Services**

Il-Kummissjoni rċeviet diversi ilmenti dwar nuqqas ta' aċċess fiżiku għall-bini tal-PBS kemm dak tar-Radju kif ukoll tat-Televixin. Sar qbil li jsir audit komprensiv ta' dan il-bini. Issa għaddejjin diskussjonijiet biex fuq programm raġonevoli u bi qbil bejn iż-żewġ naħat isir it-tibdil meħtieġ.





**12. Aċċessibilità fil-Lukanda Bay Street**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-Lukanda Bay Street ma kellhiex kmamar li huma fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. Dan minkejja li din il-Lukanda nbniet riċentement u minn dokumenti li għandha l-Kummissjoni, dan ma kienx minnu. Il-Kummissjoni kellha problemi kbar biex tikkomunika ma' din il-Lukanda, iżda se tieħu l-passi kollha neċessarji biex din il-problema tiġi riżolta.

**13.  Parkeġġ riservat f'Paceville**

Il-Kummissjoni rċeviet  ilment li l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li kien ħdejn Bay Street f'Paceville tneħħa, meta sar xogħol estensiv f'dawn it-toroq, u ma reġax sar. Il-Kummissjoni qed taħdem biex din il-problema tiġi riżolta fl-iqsar żmien possibbli.

**14. Aċċess għas-Suq tal-Belt**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-aċċessibilità għas-suq mhix tajba għal kulħadd. Il-Kummissjoni qiegħda f'diskjussjonijiet kemm mal-Kunsill Lokali kif ukoll mad-Dipartiment ta' l-Artijiet biex din il-problema tiġi riżolta.

**15. Aċċessibilità għall-Każini tal-Banda ta' San Gwann u Sant' Antnin B'kara.**

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti li l-Każini tal-Baned ta' San Ġwann u ta' Sant'Antnin f'B'kara li kienu qed jinbnew, jidher li ma kienx ser ikollhom l-entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni kitbet lil dawn l-entitajiet biex tara li jsir dak kollu possibbli ħalli dan il-bini ġdid ikun aċċessibbli għal kulħadd.

**16. Showroom tal-UCIM fil-Wied ta' B'kara.**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li x-showroom tal-UCIM (Fiat) fil-Wied ta' B'Kara ma kinetx aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni qed tiddiskuti ma' dan il-kumpanija biex din il-problema tiġi riżolta fi żmien raġonevoli.

**17. Aċċess għad-Dipartiment tal-Liċenzji**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li d-Dipartiment tal-Liċenzji, li llum jifforma parti mill-Awtorità dwar it-Trasport, mhux aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni qed tiddiskuti mal-Awtorità biex din il-problema tiġi riżolta fi żmien raġonevoli.

### 18. Karozzi tal-Linja bl-Elettriku

Il-Kummissjoni talbet assigurazzjoni li karozzi tal-linja futuri li jaħdmu bl-elettriku jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Qed isiru diskussjonijiet mal-Ministeru ta' l-Ambjent u jidher li dawn ser ikunu pożittivi.

### 19. Assigurazzjoni għal Persuni b'Diżabilità Intellettwali

Il-Kummissjoni kellha lmenti kontra l-HSBC minħabba li din il-kumpanija ma assiguratx persuni b'diżabilità intellettwali. Minħabba l-kumplessità ta' dan l-ilment, id-diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat għadhom għaddejjin.

## QORTI, ARBITRAĠĠ JEW TRIBUNAL INDUSTRIJALI

### 1. Impjieg ma' Steel and Fence

Impjegat ma' din il-Kumpanija ressaq ilment li hu kien tkeċċa mill-impjieg minħabba d-diżabilità tiegħu. Dan l-impjegat ressaq ukoll il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-Kummissjoni, sakemm ma tiħux deċiżjoni oħra, qed toffri l-għajnuna kollha tagħha biex dan il-każ jinstema' quddiem it-tribunal, imma mhix qed tkompli tinvestiga dan il-każ.

### 2. Impjieg mad-Dowty

Impjegat ma' din il-Kumpanija ressaq ilment li hu kien tkeċċa mill-impjieg tiegħu minħabba d-diżabilità tiegħu. Saru diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni, il-kumpanija u l-individwu iżda ma nstabet l-ebda soluzzjoni. L-impjegat konċernat għażel li jressaq il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-Kummissjoni, sakemm ma tiħux deċiżjoni oħra, qed toffri l-għajnuna kollha tagħha biex dan il-każ jinstema' quddiem it-tribunal, imma mhix qed tkompli tinvestiga dan il-każ.

### 3. Aċċessibilità għall-Istabiliment ta' Michele Peresso

Il-Kummissjoni kellha lment li dan l-istabiliment li jbigħ prodotti għall-użu speċifiku ta' persuni b'diżabilità ma kienx aċċessibbli għalihom stess. Id-Ditta argumentat li hi kellha ċertu ammont ta' aċċessibilità, għalkemm ammettiet li dan ma kienx skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni u anke qablet li tirranġahom. Però hi qatt ma riedet tagħti xi data kif ser isir dan. Dan l-ilment ilu issa 'l fuq minn tliet snin (beda f'April 2000) u ma sar xejn biex dan it-tibdil isir.





Il-Kummissjoni fetħet kawża kontra din il-Kumpanija f'Marzu 2001 u s'issa għadhom qed jinġabru l-provi. Il-Kummissjoni hi nkwetata ħafna għax din il-kawża miexja bil-mod wisq.

### 4. Aċċessibilità għall-Istabiliment ta' l-Invicta

Il-Kummissjoni kellha ilment li dan l-istabiliment li jbigħ prodotti għall-użu speċifiku ta' persuni b'diżabilità ma kienx aċċessibbli għalihom stess. Id-Ditta għamlet rampa temporanja mhix skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Din ma ġietx aċċettata u l-Kummissjoni fetħet kawża lil din id-Ditta. Waqt li kienet qed tinstema' l-kawża, id-Ditta bidlet il-post minn fejn tbigħ dawn l-affarijiet għal post li kellu l-entratura aċċessibbli. Għalhekk iż-żewġ naħat ippruvaw jaslu fi ftehim dwar l-ispejjeż tal-kawża. Peress li dan il-ftehim ma ntlaħaqx, il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar dan l-aspett biss.

### 5. Aċċess għall-Entratura tal-Ministeru ta' l-Intern

Il-Kummissjoni kellha lment dwar nuqqas ta' aċċessibilità għall-entratura prinċipali tal-Minsiteru ta' l-Intern li dak iż-żmien ukoll kellu r-responsabilità tal-Ambjent u l-Awtorità ta' l-Ippjanar. Intlaħaq ftehim li l-każ jiġi riferut għall-Arbitraġġ. Dan ta sentenza fejn ordna li ssir rampa u kif din għandha ssir. L-arbitru ta wkoll sitt xhur żmien biex din issir. Dawn ix-xhur skadew u l-Kummissjoni se tkompli tieħu l-passi kollha neċessarji biex din l-award tiġi implimentata fl-iqsar żmien possibbli.

### 6. L-Użu tal-SMS u l-Kumpanija SBT

Il-Kummissjoni kellha lment mill-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ li talbu li s-servizz tat-towing ikun aċċessibbli għalihom permess tal-SMS. Erba' kumpaniji aċċettaw din il-proposta waqt li l-SBT ma aċċettatx. Għalhekk il-Kummissjoni fetħet kawża kontra din il-Kumpanija. Saru diskussjonijiet biex jintlaħaq ftehim. Il-Kumpanija aċċettat li tipprovdi numru tal-SMS bla ma tingħata pubbliċità. Il-Kummissjoni ma qablitx u għalhekk il-kawża kellha titkompla.

Din hi l-lista kollha ta' l-ilmenti li tressqu lill-Kummissjoni skond is-sena u l-qasam.

# Il-Każijiet Kollha

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Magħluq:** | *Magħluq* | **Konsultazzjoni:** | *Kons* |
| **Ftehim Temporanju:** | *FT* | **Il-Qorti, Arbitraġġ u** | |
| **Għadu qed jiġi diskuss:** | *Diskuss* | **Tribumal industrijali** | *Qorti* |

## EDUKAZZJONI

| **Entità** | **Ilment** | **Status** |
|---|---|---|
| Ministeru tal-Finanzi | Tax Rebates għall-istudenti fi skejjel indipendenti | *Diskuss* |
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Servizzi edukattivi bi ħlas minn NGOs ssapportjati mill-Gvern | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Xogħol ta' facilitator | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-kurrikulu | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Skola Sajf għal studenti b'diżabilità | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess fiżiku fl-iskola ta' Pembroke | *Magħluq* |
| St. Francis School | Aċċess għall-kurrikulu | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Nuqqas ta' facilitator | *Magħluq* |





| | | |
|---|---|---|
| Diviżjoni ta' l- Edukazzjoni | Aċċess għall-kurrikulu | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Bżonn ta' facilitator | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Sostitut għall-facilitator | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Applikazzjoni għall-Ħilti Club | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Applikazzjoni għal dħul fl-iskola ta' Verdala | *Magħluq* |
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Talba għal għalliem individwali | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Bżonn ta' facilitator | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-iskola sekondarja, Ħal Tarxien | *Magħluq* |
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Amministrazzjoni tal-mediċina fl-iskejjel | *Diskuss* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-iskola tar-Rabat Għawdex | *FT* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Bżonn ta' purtieri skuri fil-klassi | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Sostitut għall-facilitator | *Diskuss* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Reader għall-eżamijiet | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Bżonn ta' facilitator | *Magħluq* |
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Ix-xogħol ta' facilitators | *Diskuss* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Akkommodazzjoni għall-kurrikulu, l-Iskola tal-Mużika | *Magħluq* |
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Ix-xogħol ta' facilitator | *Diskuss* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Bżonn ta' facilitator | *Magħluq* |

## XOGĦOL

| Entità | Ilment | Status |
|---|---|---|
| Diviżjoni tas-Saħħa | Transfer | *Magħluq* |
| ETC | Aċċess għal taħriġ | *Magħluq* |
| Malta International Airport | Tkeċċija mix-xogħol | *Magħluq* |
| Korporazzjoni Enemalta | Akkommodazzjoni fuq il-post tax-xogħol | *Kons* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Akkommodazzjoni għall-eżami ta' l-ECDL | *Magħluq* |
| Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali | Tkeċċija mix-xogħol | *Magħluq* |
| Maltapost | Bdil tax-xogħol | *Magħluq* |
| Kummissarju tal-Pulizija | Reklutaġġ | *Diskuss* |
| Forzi Armati ta' Malta | Terminazzjoni ta' impjieg | *Diskuss* |
| Steel & Fence Ltd | Terminazzjoni ta' impjieg | *Qorti* |
| Kalaxlokk Co. Ltd | Bdil tal-post tax-xogħol | *Diskuss* |
| McDonalds | Akkommodazzjoni għax-xogħol | *Magħluq* |
| Dowty | Terminazzjoni ta' impjieg | *Qorti* |

## AĊĊESSIBILITÀ

| Entità | Ilment | Status |
|---|---|---|
| Diviżjoni tas-Saħħa | Toilets għall-outpatients u l-emerġenza | *Diskuss* |
| Michele Peresso | Aċċess għal Medical Centre | *Qorti* |
| Ministeru tal-Ġustizzja | Aċċess għall-Qorti | *Magħluq* |





| | | |
|---|---|---|
| L-Uffiċċju tal-President | Aċċess għal-lift tal-Palazz | *Diskuss* |
| Kunsill Lokali Msida | Aċċess għall-kunsill | *Magħluq* |
| Provinċja tal-Franġiskani Minuri | Aċċessibilità għal-Knisja tal-Qawra | *Diskuss* |
| Invicta | Aċċess għal ħanut | *Qorti* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċes fl-iskola primarja ta' B'kara | *FT* |
| Kavalier ta' San Ġakbu | Aċċess għall-palk tat-teatru prinċipali | *Magħluq* |
| Diviżjoni tas-Saħħa u Oħrajn | Aċċess għall-Bini Evans | *Diskuss* |
| Bank of Valletta | Ftehim ġenerali | *Magħluq* |
| Università ta' Malta | Aċċess għal Dar l-Istudent | *Diskuss* |
| Kapitlu tal-Kattidral | Aċċess għall-Kattidral ta' l-Imdina | *FT* |
| Dipartiment tat-Toroq | Triq Psaila, B'kara | *Magħluq* |
| Lukanda Phoenicia | Aċċess | *FT* |
| Ministeru ta' l-Intern | Aċċess għall-entratura prinċipali | *Qorti* |
| Dipartiment tal-VAT | Aċċess għad-Dipartiment | *Diskuss* |
| Parroċċa tal-Mosta | Aċċess prinċipali | *Diskuss* |
| Parroċċa ta' Sant'Elena, B'kara | Aċċess prinċipali | *Magħluq* |
| Lukanda Les Lapins | Aċċessibilità fil-lukanda | *Diskuss* |
| Dipartiment tat-Toroq | Aċċess fi Triq Hompesch, il-Fgura | *Magħluq* |
| Università ta' Malta | Aċċess għall-Bini Mikiel Anton Vassalli u lecture halls | *Magħluq* |
| Diviżjoni tas-Saħħa | Aċċess għaċ-Ċentru tas-Saħħa, Gżira | *Diskuss* |

| | | |
|---|---|---|
| Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar, Għawdex | Aċċess fl-uffiċini tagħha | *Diskuss* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess fl-iskola primarja ta' B'kara | *FT* |
| St James Hospital | Aċċess għas-Sliema Eye Clinic | *FT* |
| Diviżjoni tas-Saħħa | Aċċess għad-Dipartiment tal-Informazzjoni Medika | *Diskuss* |
| Paroċċa ta' Ħaż-Żabbar | Aċċess għaċ-ċimiterju | *Magħluq* |
| Kummissarju tal-Pulizija | Aċċess fl-għases li qed jiġu rranġati | *FT* |
| Parroċċa tal-Mosta | Aċċess għall-oratorju | *Diskuss* |
| Mamma Mia Restaruant | Aċċessibilità | *Diskuss* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess fl-Iskola Primarja, Żejtun | *Kons* |
| Parroċċa ta' Għajnsielem | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Magħluq* |
| Parroċċa tal-Għarb | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *FT* |
| Parroċċa ta' l-Għasri | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *FT* |
| Parroċċa tal-Fontana | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Magħluq* |
| Parroċċa ta' Ħal Kirkop | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Magħluq* |
| Parroċċa ta' Bormla | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Diskuss* |
| Parroċċa tal-Gudja | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Diskuss* |
| Parroċċa ta' Birżebbuġa | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Magħluq* |
| Parroċċa tal-Kalkara | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Magħluq* |
| Parroċċa tal-Ħamrun (il-Kunċizzjoni) | Aċċess għall-knisja parrokkjali | *Magħluq* |





| | | |
|---|---|---|
| Kunsill Lokali, Rabat Għawdex | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Diskuss* |
| Kunsill Lokali, Belt Valletta | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Magħluq* |
| Kunsill Lokali, Sliema | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Magħluq* |
| Kunsill Lokali, Żejtun | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Magħluq* |
| Kunsill Lokali, Żurrieq | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Diskuss* |
| Kunsill Lokali, Qormi | Aċċess Tribunal Reġjonali | *FT* |
| Kunsill Lokali, Mosta | Aċċess Tribunal Reġjonali | *Magħluq* |
| Kunsill Lokali, Fgura | Aċċess Tribunal Reġjonali | *FT* |
| J.D. Lifts | Nuqqas ta' aċċessibilità | *Magħluq* |
| Public Broadcasting Services | Aċċess għall-bini tal-PBS | *Diskuss* |
| Kunsill Lokali Lija | Bankina inaċċessibbli | *Magħluq* |
| Melita Cable | Aċċess fl-uffiċċini l-ġodda | *Kons* |
| Go Mobile | Access fil-premises il-ġodda | *Kons* |
| Bay Street | Aċċess għal-Lukanda Bay Street | *Diskuss* |
| Kunsill Lokali tal-Belt | Parkeġġ riservat fil-Pjazza tal-Palazz | *Magħluq* |
| Kunsill Lokali San Ġiljan | Parkeġġ Riservat ħdejn Bay Street | *Diskuss* |
| Kunsill Lokali tal-Belt | Aċċess għas-Suq | *Diskuss* |
| Każin tal-Banda ta' San Ġwann | Aċċess għall-każin | *Diskuss* |
| Għassa tal-Pulizija tar-Rabat | Nuqqas ta' aċċess fit-triq | *Magħluq* |
| Parroċċa Siġġiewi | Disinn ta' rampi | *Kons* |
| MEPA | Żewġ applikazzjonijiet | *Magħluq* |

| | | |
|---|---|---|
| Imperial Hotel | Aċċess tal-lukanda | *Kons* |
| UCIM Co. Ltd | Aċċess għax-showroom tal-FIAT | *Diskuss* |
| Dipartiment tal-Liċenzji | Aċċess | *Diskuss* |
| Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Imwejjed u siġġijiet fuq bankini | *Magħluq* |
| Scan Computers | Aċċess għall-ħanut | *Magħluq* |
| Kunsill Lokali Sliema | Bandla għall-persuni b'diżabilità | *Magħluq* |
| Banda Sant'Antnin, B'kara | Nuqqas ta' aċċess għall-każin | *Diskuss* |
| Klinika Farrugia | Kwalità tas-servizzi offruti | *Magħluq* |

### Għoti ta' Servizzi u Oġġetti

| Entità | Ilment | Status |
|---|---|---|
| SBT | Servizz bl-SMS | *Qorti* |
| Ministeru tal-Intern u l-Ambjent | Karozzi tal-linja li jaħdmu bl-elettriku | *Diskuss* |
| Enemalta | Servizz tal-gass | *Magħluq* |
| Kunsill Lokali Sliema | Toilets għall-persuni b'diżabilità | *Magħluq* |
| Kunsill Lokali, B'kara | Toilets għall-persuni b'diżabilità | *Magħluq* |
| D&S Lifts | Xogħol fuq lift | *Magħluq* |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Akkommodazzjoni fl-iskola Helen Keller | *Magħluq* |
| Diviżjoni tas-Saħħa | Użu tal-SID | *Magħluq* |
| MEPA | Permess għall-bdil fid-dar | *Magħluq* |





| | | |
|---|---|---|
| L-Isptar Monte Karmeli | Kura ta' pazjent | *Magħluq* |
| Kumitat Konġunt Gżira | European Disabled Blue Badge | *Magħluq* |
| Thomas Smith & Co. Ltd | Servizzi pprovduti | *Magħluq* |
| Aġenzija SAPPORT | Servizz Residenzjali | *Kons* |
| Kummissarju tal-Pulizija | Użu tal-Blue Sticker | *Magħluq* |
| ETC | Użu ta' l-SID | *Magħluq* |
| Kummissarju tal-Pulizija | Użu tal-Blue Sticker | *Magħluq* |

### Djar

| Entità | Ilment | Status |
|---|---|---|
| MEPA | Tariffi fuq djar residenzjali ta' persuni b'diżabilità | *Magħluq* |
| MEPA | Ħruġ ta' permess | *Magħluq* |
| Individwu | Sospensjoni ta' kuntratt | *Magħluq* |

### Assigurazzjoni

| Entità | Ilment | Status |
|---|---|---|
| HSBC plc | Assigurazzjoni | *Diskuss* |
| HSBC plc | Assigurazzjoni | *Diskuss* |
| HSBC plc | Assigurazzjoni | *Diskuss* |
| Malta Tourism Authority | Kumpens minħabba korriment | *Magħluq* |